# Limerikki (iv)

**437.**

Kien hemm darba mara mill-Mosta,
li simnet u ħxienet bil-bosta,
u qattgħet għomorha
iżżomm ġo ħoġorha
lil żaqqha u sidirha ġol-Mosta.

**438.**

Kien hemm raġel darba f'Sabtan
b'gangala bħal dik ta' dundjan;
bil-lejl u bi nhar
kien jisbel, jiħmar,
u jidden imqit bħal dundjan.

**439.**

Kien hemm darba xiħ f'Ħal Tarxien
il-karti flimkien ma' ġurdien
kien jilgħab; rebbieħ
kien joħroġ ix-xiħ,
u jidħak u jogħxa l-ġurdien!

**440.**

Kien hemm darba xiħ il-Maqluba,
miskin kellu żaqq daqs katuba;
għattiha bil-landa,
u ħareġ mal-banda
iħabbat minflok il-katuba.

**441.**

Kien hemm darba raġel f'Għajn Tuta,
imnieħru kien twil daqs flejguta;
għamillu b'berrina
għoxrin toqba fina,
u daqqu l-istess bħal flejguta.

**442.**

Kien hemm raġel xiħ minn Ħal Mux
iqabbeż għajnejh bħall-bebbux
fil-grada tal-bieb;
u kif jidħlu l-ħbieb
idaħħal għajnejh bħall-bebbux.

**443.**

Ġol-Belt qed jiġġerra Ċirasu,
li għandu ċirasa fuq rasu,
l-għasafar mill-ajru
dlonk jiġu jittajru,
u jnaqqru ċ-ċirasa fuq rasu.